KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 461 (9-4)

It-Tnejn 2 ta' Settembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech (ħareġ mill-laqgħa fit-8.05pm)
Il-Kunsillier Albert Pace
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**461.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**461.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**461.1.2** Is-Sindku issospenda s-Seduta biex jagħti ċans resident iressaq ilment fuq issue partikolari li ser tiġi diskussa f'din l-aġenda 461.11.

**461.1.3** Is-Sindku talab li titkompla s-Seduta.

**461.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 460. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett b'vot ta' 6 favur u 1 kontra (Il-Kunsillier Dominic Grech).

**461.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

**461.2.2** 460.16 Il-Kunsillier Albert Pace staqsa x'ser jiġri dwar dan l-arranġament. Is-Sindku qal li ser isir komunikat mar-residenti biex min għandu xi issues iressaqhom sa data stabbilita.

**461.2.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet biex ikollha kopja tal-pjanti fejn ser isir ix-xogħol. Is-Sindku qal li l-pjanti ġew preżentati waqt is-Seduta preċedenti u jinsabu fil-file relattiv.

**461.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**461.3.1** **Talba għal tlielaq taż-żwiemel**

Is-Sindku irrefera għal talba biex isiru tlielaq taż-żwiemel fi Triq il-Mitjar ta' San Niklaw. Hu qal li hemm deċiżjoni ta' Kunsill preċedenti in vigore li ma jinħarġux permessi biex isiru tlielaq f'din it-triq, u jiproponi li l-Kunsill jibqa' bl-istess deċiżjoni minħabba sigurta', u traffiku. Hu qal li filwaqt li m'għandu xejn kontra d-delizzjoni tat-tlielaq taż-żwiemel, dawn m'humiex posthom hemm. Il-Kunsillier Charles Vassallo talab biex il-Kunsill jitlob infurzar għax għandu informazjoni li nhar ta' Ħadd filgħodu qed ikun hemm it-tlielaq f'dik it-triq. Il-Kunsill qabel li tinżamm l-istess deċiżjoni.

**461.3.2** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li din hija riġidezza żejda li l-Kunsill ma joħroġx permess, u trid tara t-talba partikolari. Hu qal li permessi għal tlielaq ta' karozzi jinħarġu allura għaliex għal dawn le. Huwa qal li l-Gvern għandu jiprovedi għal alternattivi għal dan id-delizju.

**461.3.3** **Xogħolijiet pubbliċi**

Is-Sindku qal li wara talba li saret mill-Kunsill lid-Dipartiment tax-Xogħolijiet (Coastal Areas) il-ġimgħa l-oħra saret spezzjoni u saru t-tiswijiet meħtieġa kemm fix-xibka u anka tneħħew diversi blat li kienu ta' periklu. Il-Kunsillier Albert Pace qal li hemm bżonn isir tranġar tal-moll u fadal iktar ġebel x'jitneħħa. Is-Sindku talbu jibgħat iktar dettalji u jerġa jsir komunikat mad-Dipartiment kif meħtieġ.

**461.3.4** **Proposta għall-użu pubbliku tal-kumpless sportiv (460.12)**

Is-Sindku qal li ħa niproċedu mal-Avukat tal-Kunsill biex isir draft agreement u jiġi preżentat lill-Kunsill.

**461.3.5** **Laqgħa pubblika – Pjan ta' Ħidma**

Is-Sindku qal li din il-laqgħa hija pjanata għal 25 ta' Settembru u ser tkun imqassma fi tlett workshops Ambjent u Infrastruttura, Kultura u Komunitajiet, Indafa Pubblika u Manutenzjoni ġenerali. Huwa talab li kull kunsillier jassisti flimkien mal-membri tas-sotto-kumitati tiegħu.

**461.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**461.4.1** Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**461.5** **Aġġornament - Dekasteri u responsabbiltajiet**

**461.5.1** Il-Viċi Sindku qal li qed isir eżerċizzju biex tinġabar data tal-għaqdiet u negozju fil-lokalita' permezz ta' googleform fejn din l-informazjoni tista' tintuża biex jirċievu informazzjoni u jinżamm kuntatt fuq diversi aspetti speċjalment ta' kultura, u inizjattivi. Huwa qal li minn lat ta' kultura, flimkien mal-Kunsillier Dominic Grech ġew identifikati 3 siti li għandhom bżonn intervent. Hu qal li ġew identifikati in-niċċa ta' San Ġwann fi Triq San Nikola, l-istatwa ta' San Pawl fi Triq il-Parroċċa u it-tlett niċeċ fi Triq Blat il-Qamar (fir-razzett tal-Granmastru). Hu qal li hemm bżonn jiżdied id-dawl fuq l-istatwa ta' San Nikola tal-Pjazza.

**461.5.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed tiġbor data tal-cat feeders reġistrati, kif ukoll qegħda f'kuntatt biex issir laqgħa edukattiva fejn jiġi spjegat ukoll id-dmirijiet li jitħalla nadif. F'din il-laqgħa ser jiġu mistiedna wkoll il-Pulizija tal-komunita' biex ikunu jitsgħu jagħmlu follow-ups. Dan fid-dawl tad-diversi ilmenti riċevuti dwar ikel li jitħalla mill-feeders. Hi qalet li flimkien mal-kunsillier Charles Vassallo kienet qed titratta issues ta' ħmieġ f'diversi inħawi fejn jitimgħu il-qtates. Hija qalet li qed issegwi ma' Animal welfare dwar inċentivi li ser jingħataw u skema li ġiet imħabbra dan l-aħħar u anka dwar finanzji li għadhom pendent mill-aħħar skema ta' LC Care. Hija qalet li qed tistħarreġ il-possibilta' ta' swimming zone fil-bajja ta' Għar Lapsi, u anka ssegwi proċess li kien beda snin ilu mal-MTA. Il-Kunsilliera Farrugia qalet li waħda mill-ikbar problemi ta' ħmieġ hija il-ħamiem speċjalment fiċ-ċentru lejn il-pjazza u fejn hemm djar diżabitati, u qed issir ħafna ħsara lill-bini u l-patrimonju. Hija ssuġġerit kampanja edukattiva dwar dan.

**461.5.3** Il-Kunsilliera Farrugia qalet li bħalissa qed tinħadem librerija minn nies b'abiltajiet differenti tramite Aġenzija Sapport biex timpromvowi inklużjoni u grazzi għall-għajnuna mir-Reġjun ser jitpoġġew sett ta' kotba bis-suġġett. Din ser titpoġġa barra. Hija qalet li flimkien mal-amministrazzjoni qed titħejja l-iskeda ta' korsijiet tax-xitwa, fejn apparti l-lifelong learning ser ikun hemm suġġetti oħra kemm ta' eżerċizzju fiżiku u anka akkademiku. Hija qalet li ser isiru diversi sezzjonijiet li jolqtu lill-kulħadd fuq suġġetti varji fosthom agrikoltura, saħħa mentali, letteratura u oħrajn. Hija qalet li qed tkompli taħdem fuq diversi inizjattivi ma' Eko-skola dwar heritage trails u ħarġiet edukattivi.

**461.5.4** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li għaddej b'ħidma kontinwa kontra rimi ta' skart illegali. Hu irringrazja l-kuntratturi li qegħdin jikkoperaw bla waqfien. Qal li qiegħed isegwi l-proċess għall-installazjoni ta' cctvs wireless biex jissolveljaw diversi nħawi (hot spots) u anka l-possibilta' li jkun haw greenwardens. Qal ukoll li qed jitlob updates kontinwi għall-installazjoni tal-cameras mir-Reġjun li kellhom jitwaħlu din is-sena. Hu qal li qed jaħdem għall-waste Reduction Week u jagħti iktar dettalji fis-seduta li ġejja.

**461.5.5** Qal ukoll li flimkien mas-supervisor taċ-ċentru ta' matul il-jum qed jiddiskutu n-nominazjoni għall-anzjan tas-sena. Huwa qal li qed issir kollaborazzjoni mal-istudenti tal-mediċina biex issir attivita' ta' testijiet mediċi b'xejn fiċ-ċentru ċiviku. Hemm il-ħsieb li dawn u oħrajn isiru perjodikament.

**461.5.6** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li qed jistħarreġ dwar Sistema ta' innovazzjoni diġitali għas-sistema tal-ilmenti tal-pubbliku, anka biex ittiaffi piż eżistenti fuq l-amministrazzjoni u jkun hemm iktar koordinament u feedback għal kull ilment li jiġi reġistrat.

**461.5.7** Il-Kunsillier Albert Pace qal li qed isiru spezzjonijiet frekwenti f'Għar Lapsi u jiġu ttekiljati diversi problemi, fosthom dawl fil-lattrina u fil-park, il-periklu fil-bajja u l-fencing, tranġar fit-taraġ tal-bajja, tindif, żieda ta' bins u ta' ashtrays, il-problema li kien hemm bis-shower installat mid-Dipartiment tal-Cleansing. Hu qal li infetħet tieqa fil-kamra fejn hemm is-sistema tal-elettriku fil-lattrina peress li kien hemm problema ta' overheaating u qed isegwi mad-Dipartiment tal-Ambjent biex isir żbir tas-siġar quddiem id-Dar tal-Providenza li qegħdin ta' periklu għall-karozzi l-għoljin.

**461.5.8** Il-Kunsillier Christopher Farrugia qal li qed jagħmel working groups tal-għaqdiet sportivi biex jistħarreġ diversi inizjattivi, fosthom koordinament mar-Reġjun Punent għal tournament tal-football u attivita' sportiva f'Għar Lapsi. Huwa qal li l-background akkademiku tiegħu huwa utli għall-idejat innovattivi biex jibbenefika minnhom il-kunsill u diversi inizjattivi. Rigward id-dekasteru tal-ġonna huwa preżenta rapport dwar manutenzjoni u xogħolijiet fiż-żona ta' Ramija. Hu qal li dan intbagħat lis-Segretarju Eżekuttiv u diġa sar xi xogħol minnu. Hu qal li ħa jibqa jsegwi u li qed jagħmel rapport għall-ġonna kollha fil-lokalita'.

**461.5.9** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li qed isegwi mal-kurja dwar il-proġett tar-restawr tal-Kappella Tal-Karmnu tal-Fawwara. Hu qal li l-istimi li kienu inħarġu llum huma outdated u jridu jsiru stimi aġġornati. Hu qal li iltaqa' ma' SEM dwar skemi ta' fondi li ħerġin f'Settembru. Il-Kunsillier Grech qal li għamel talba għal laqgħa mal-Ministeru rigward il-proċess tar-restawr tal-kappella taċ-Ċwerra u l-possibiltajiet ta' finanzjament. Hu qal li l-budget ta' fondi ewropej għal restawr naqas bin-nofs u allura jridu jiġu mistħarġa fonti oħra ta' fondi. Huwa qal li fil-ġimgħat li ġejjin ser jibda jaħdem fuq proposti għal Jum is-Siġġiewi.

**461.5.10** Is-Sindku qal Ii b'referenza għax-xogħolijiet fuq il-kappella taċ-ċwerra, staqsa lill-kurja rigward l-iscaffolding u talab li dan jiġi rranġat skond l-istandard rikjest, u jiddawwar b'injam u xibja biex ikun sigur u ma jkunux jistgħu jidħlu nies taħtu. Is-Sindku qal li għad m'hemmx timeline meta ser jibda x-xogħol u għad lanqas ġew sottomessi l-permessi. Skond l-informazzjoni, l-applikazzjoni u mappin ser jiġu sottomessi f'Settembru.

**461.6** **Aġġornament - Proġetti infrastrutturali u update tal-laqgħa ma' IM**

**461.6.1** Triq Salvu Borg Olivier
Is-Sindku informa li flimkien mal-Viċi Sindku kellu laqgħa ma' Infrastructure Malta rigward aġġornamenti ta' diversi xogħolijiet kurrenti fosthom Triq Salvu Borg Olivier li mistenni jkun lest sal-aħħar tas-sena kemm il-wiċċ tat-triq u anka t-tħawwil ta' diversi siġar u arbuxelli. Hu qal li jinsab konċernat dwar il-proġett ta' high-tensions tal-Enemalta li jrid jgħaddi mit-Triq il-Mitjar ta' San Niklaw b'cable li jitla' minn Triq is-Siġġiewi u jgħaddi minn Triq Mons Mikiel Azzopardi, lejn Triq Salvu Borg Olivier. Hu qal li qed jistenna aktar informazzjoni dwar dan il-proġett. Il-Kunsilllier Albert Pace qal li mal-proċess tat-tħaffir tal-bypass għandhom isiru trinek għall-ilma biex tissolva l-problema eżistenti faċċata ta' Triq Wied Xkora. Is-Sindku qal li jistgħu isiru diversi manholes mal-proċess tal-proġett tar-reading garden.

**461.6.2** Junction Ta' Brija
Is-Sindku qal li jonqos issir il-crash barrier tal-injam fuq il-wied fejn bħalissa hemm ringiela barriers tal-plastic. Hu qal li għandu informazzoni li dawn qegħdin fi triqthom u jiwaħħlu lejn nofs Settembru. Hu qal li għandu wkoll ikun hemm dwal adekwat magħhom.

**461.6.3** Triq tal-Girgenti (fuq it-troll)
Is-Sindku qal li dan il-proġett jinsab wieqaf u hemm ħafna trabijiet u telqa mal-parametri. Hu qal li l-permessi neċessarji inħarġu u qed nistennew lill-kuntrattur jittermina x-xogħol.

**461.6.4** Proġett toroq
Is-Sindku qal li fi previst li x-xogħol li jmiss huwa fi Triq Blat il-Qamar, minn Triq il-Mitħna u Triq Ta' Brija. Huwa staqsa jekk dawn ix-xogħolijiet jistgħux jitwettqu kontemporanjament ma' Triq Salvu Borg Olivier jekk hemm kuntratturi differenti. Hu qal li wara dawn imiss Triq il-Għid, iż-Żerniq, Muża u Triq it-Tabib Nikola Zammit.

**461.6.5** Triq l-Imqabba (Ta' Kandja)
Is-Sindku qal li ċċekja wkoll rigward it-twessiegħ ta' din it-triq kif kien previst, iżda jidher li permessi ta' twessiegħ f'ODZ mhux jinħarġu u hemm policy li ma jsirx esproprijazzjoni.

**461.6.6** Ġnien Ramija
Is-Sindku qal li tlesta l-asfalt fi Triq Calcedon Zammit u jonqos li jingħalaq it-tender tal-għamara tat-triq, id-dwal u l-upkeep tal-ġnien. Hu qal li qed isegwi dan il-proċess sakemm jitlesta.

**461.6.7** Xogħol mill-PW fi Triq Ġużeppi Busuttil
Is-Sindku qal li ix-xogħol ta' kisi bil-konkos ta' din it-triq inbeda.

**461.7** **Aġġornament - Proġett 'Bankini ġodda għalik'**

**461.7.1** Is-Sindku informa li l-permess neċessarju għal Lot 1 inħareġ. Huwa qal li Lot 2 ġie approvat ukoll mill-PW u l-permess ġie applikat. Is-Sindku informa li saret laqgħa ta' konsultazjoni mar-residenti u sidien tal-garaxxijiet tat-toroq fl-ewwel lot fejn ġew imressqa diversi issues u jiġu trattati. Qal ukoll li hemm problema ta' livelli li trid tinstab soluzzjoni għaliha. Is-Sindku qal li intalab jiġi allokat kuntrattur diffrenti ħalli jkun jista' jsir xogħol kontemporanju.

**461.8** **Clean Up Event – 21 ta' Settembru 2024**

**461.8.1** Is-Sindku talab lill-Kunsillier Charles Vassallo jispjega. Il-Kunsillier Vassallo qal li flimkien mal-Viċi Sindku għamel kuntatt mal-għaqdiet għall-parteċipazzjoni. Hu qal li l-iscouts diġa kkonfermaw u qed jistenna numru ta' parteċipanti. Huwa qal li ġab sponsors għal refreshments u ser jiprepara wkoll xi frott. Qal li qiegħed b'kuntatt mar-reġjun Punent għal koordinament biex jinġabar l-iskart u xi għajnuna oħra u ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jipparteċipaw huma u l-membri tal-kumitati.

**461.9** **Kunsill Lokali tat-Tfal**

**461.9.1** Is-Sindku talab lill-Kunsillier Francine Farrugia tispjega. Hija qalet li għada ser issir l-ewwel laqgħa għal mentors fejn imbgħad issir laqgħa oħra għat-tfal u l-ġenituri interessati. Qalet li qed isir training apposta għal mentors. Hija qalet li qed taħdem fuq diversi attivitajiet bħala rewards għal min jipparteċipa.

**461.10** **Ingaġġ ta' Skrivan fuq Skala 15 – Ħatra ta' bord tal-għażla**

**461.10.1** Is-Sindku informa li inħarġet il-call skond il-proċedura wara li inġiebu l-permessi neċessarji. Għalhekk talab għal ħatra tal-Bord tal-Intervisti. Huwa propona li l-bord ikun magħmul minnu, mill-Viċi Sindku u mill-minority leader flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv.

**461.11** **Problema ta' aċċess fi Triq Donia Baldacchino**

**461.11.1** Is-Sindku rrefera għas-suġġett diġa msemmi fis-seduta preċedenti 460.3.1 rigward il-problema ta' aċċessibilta' fi Triq Donia Baldacchino. Hu qal li ġew riċevuti diversi ritratti ta' vetturi pparkjati fl-imsemmija triq f'diversi ħinijiet li jikkonfermaw din il-problema. Wara diskussjoni, sar qbil li l-kunsill għandu japplika ma' Transport Malta biex isiru double yellow lines tul l-isqaq u eventwalment jiġu infurzati.

F’każ li l-problema tibqa tippersisti, l-kunsill għandu jerġa jiddiskuti rimedji oħra.

**461.12** **Tiġdid ta’ bilanċ tal-leave tas-Segretarju Eżekuttiv tas-sena 2024**

**461.12.1** Is-Sindku propona li jsir it-tiġdid ta’ 100 siegħa vacation leave mill-bilanċ tas-Segretarju Eżekuttiv tas-sena preżenti għas-sena d-dieħla, fuq talba tal-istess SE. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba l-impenji ta’ xogħol mhux possibbli li l-leave disponibbli jiġi utilizżat kollu u għalhekk qed titlob li jiġġedded dan l-ammont biex ma jintilifx. Il-Kunsill unanimament qabel.

**461.13** **Proposta għat-tismija tal-Family Park fi Triq Salvu Borg Olivier**

**461.13.1** Is-Sindku rrefera għall-mozzjonijiet approvati f’Seduti peċedenti biex jitfakkar il-Profs. Albert Fenech. Is-Sindku spjega fejn kien wasal dan il-proċess fil-legislatura ta’ qabel, u li l-familjari kienu talbu plakka kommemorattiva mar-residenza fejn kien twieled, liema residenza illum hija ta’ terzi. Is-Sindku qal li biex il-proċess jiġi rinovat, flimkien mal-Viċi-Sindku reġgħu tkellmu mal-familjari. Is-Sindku semma il-Family Park li qiegħed fil-proċess fi Triq Salvu Borg Olivier u qal li Prof. Fenech salva diversi nies li ppermetta li dawn jibqgħu igawdu l-familji tagħhom, u għalhekk huwa idejali li ismu jibqa mfakkar f’dan il-ġnien bħala Ġnien il-Familja – Prof. Albert Fenech. Is-Sindku qal li l-ħsieb fil-futur li ssir tifkira ta’ ringrazjament lil healthcare workers kollha Siġġiwin. B’hekk ikunu ingħalqu żewġ mozzjonijiet approvati biex jiġi kkommemorat kif jixraqlu Prof. Fenech.

**461.13.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li Prof. Fenech kien personaġġ magħruf mhux mas-Siġġiwin iżda anka internazjonalment u għandu jkun rikonoxxut fi proġett kbir.

**461.13.3** Il-Kunsillier Dominic Grech qal li ftit wara l-mewt ta’ Dr Fenech, fil-leġislatura preċedenti, kif tkellem mal-familjari flimkien mal-Viċi Sindku ta’ dak iż-żmien fejn kienu talbu mod ieħor. Hu qal li hija l-opinjoni tiegħu li l-proġett jibqa’ jissejjaħ Family park u ma jsirx obitwarju. Huwa ssuġġerixxa li minflok, għandu jsir mafkar fi Ġnien l-Armonija fi Triq Dun Manwel Zammit viċin ta’ fejn kien joqgħod. Huwa qal li dan mhux b’nuqqas ta’ rispett lejn l-individwu.

**461.13.4** Il-Kunsillier Albert Pace qal li jissuġġerixxi isem marbut ma’ San Nikola bħal Ġnien Santa Claus.

**461.13.5** Is-Sindku talab li jittieħed vot biex il-ġnien jissemma “Ġnien il-Familja – Prof. Albert Fenech”. Il-votazzjoni għaddiet b’ 4 favur u 3 kontra. Is-Sindku qal li d-deċiżjoni għandha tiġi komunikata lill-INDIS.

**461.14** **Update rigward l-implementazzjoni tal-proġett ‘TM Infrastructure Mobility 2023’**

**461.14.1** Is-Sindku preżenta l-aħħar pjanti tal-proġett propost biex issir bike lane fi Triq il-Mitjar ta’ San Niklaw, u spjega ir-rotta. Hu qal li din il-pjanta kif emendata qed tiġi preżentata wara diversi emendi u proposti minn TM. Wara diskussjoni fuq ir-rotta preżentata ġie deċiż li titneħħa il-one way u tiżdied xi senjaletika. Il-pjanta il-ġdida għandna tintbagħat kemm jista jkun malajr lil TM peress li qegħdin tard ħafna għall-implimentazjoni u hemm riskju li jintilfu l-fondi.

Il-Kunsillier Dominic Grech ħareġ mil-laqgħa fit-8.05pm.

**461.15** **Aġġornament - Festa Għeneb fis-Siġġiewi 2024**

**461.15.1** Is-Sindku rringrazja lill-grupp ta’ voluntiera li qegħdin jaħdmu fuq l-organizzazjoni, minkejja li kien hemm żmien limitat ta’ preparazjoni u anka peress li l-perjodu idejali tal-vendemmja huwa Awissu. Hu qal li din l-attivita’ intlaqgħet ukoll b’mod pożittiv mal-Malta Food Agency u mal-ambaxxatur Malti tal-Inbid Josef Bonello, li laqa’ l-istedina biex ikun wieħed mill-ġurija tal-kompetizzjoni. Is-Sindku rringrazja wkoll l-għaqdiet, il-Kunsilliera u l-amministrazjoni ta-sehem kollettiv.

**461.16** **Update – magna tal-BCRS fis-Siggiewi**

**461.16.1** Is-Sindku informa li wara talba mill-Kunsill biex tiżdied magna oħra fil-lokalita', din it-talba ma ġietx milqugħa u skont it-tweġiba jidher li m'hemmx pjan li tiżdied oħra fil-futur qarib. Is-Sindku qal ukoll li minn diversi ilmenti li jidħlu fl-uffiċċju il-magna eżistenti ħafna drabi ma tkunx qed taħdem.

**461.17** **Approvazzjoni tar-rapport finali tat-Tender Non-Urban**

**461.17.1** Is-Sindku qal li l-evalwazjoni tat-tender qegħda fil-proċess peress li kien hemm xi diffikultajiet tekniċi.

**461.17.2** **Evalwazjoni tender tal-knis**

Rigward il-bord ta' evalwazjoni għat-tender tal-knis, is-Sindku talab li l-bord ikun magħmul minnu, mill-Viċi Sindku, mill-Kunsillier Christopher Farrugia, il-Kunsillier Charles Vassallo responsabbli mit-tindif minflok il-Kunsilliera Francine Farrugia bħala Chairman u s-Segretarju Eżekuttiv. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**461.18** **Quotations u approvazzjoni ta' CCTVs (stand-alone)**

**461.18.1** Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier Charles Vassallo qed isegwi il-proċess tal-installazjoni ta' cctvs li kellhom jiġu installati mir-Reġjun Punent. Skond l-aħħar informazjoni, dawn ser jitwaħlu sal-aħħar tas-sena. Fid-dawl tal-problemi kbar ta' rimi illegali fiż-żoni rurali, is-Sindku qal li inġiebu kwotazzjonijiet għall-installar ta' cctv cameras wireless. Il-vantaġġ hu li dawn jistgħu jiġu spusjati minn żona għal oħra skont il-bżonn. Is-Sindku semma wkoll il-problema ta' vetturi li jitilgħu wrong side minn Triq l-Imdina għal Triq it-Tabib Nikola Zammit. Is-Sindku preżenta l-kwotazzjonijiet miġbura u propona li tintagħżel l-iktar offerta vantaġġjuża għax-xiri ta' 3 cameras. Il-Kunsill unanimament qabel.

**461.19** **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

**461.19.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.

**461.19.2** Is-Sindku ddikjara kunflitt fuq PA05577/24.

**461.19.3** Is-Sindku ġibed l-attenzjoni fuq applikazzajoni PA/05606/22 "*Location of development: Maghlaq Quarry, Tal-Lenza, Triq il-Panorama, Siggiewi Description of works: Proposed rehabilitation of quarry including the redistribution of inert material to complement general topography of the land to accommodate the installation of photovoltaic panels in an organized configuration. Proposal also includes the construction of substation, reservoirs and general landscaping around the perimeter."* Is-Sindku qal li ser jiċċekja għal iktar dettalji u jiġi ċirkolati.

**461.19.4** Is-Sindku rrefera għar-rapport imħejji mill-perit tal-Limestone Heritage rigward attivita' illegali, PA07598/21 "*Location of development: Site at, Triq Burgabrun off, Triq l-Imqabba, Siggiewi. Description of works: To sanction deposition of inert material and area for stockpiling; proposed phasing out plan for the restoration of disused quarry to recycle construction and demolition waste for a period of 25 years."* . Hu qal li f'leġislatura preċedenti l-Kunsill diġa ta l-appoġġ tiegħu u l-qbil ma' dan ir-rapport. Is-Sindku talab li r-rapport jiġi ċirkolat mal-kunsilliera u terġa tissemma fis-seduta li jmiss.

**461.19.5** Il-Kunsilliera Francine Farrugia ġibdet l-attenzjoni dwar PA/05684/24 "Location of development: Roston Garage, Triq it-Tabib Nikol Zammit c/w, Triq Hal Xluq, Siggiewi Description of works: To change of use from garage to Class 4B shop, proposed minor internal and external alterations and proposed sign." Hija qalet li diġa hemm problema kbira ta' traffiku f'dik it-triq anka peress li fil-viċin hemm l-iskola u jinħoloq periklu.

**461.20** **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

**461.20.1** Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat Direttiva numru 2/2024 li tirrevoka Direttiva 1/2024 li ssemmiet fis-seduta preċedenti rigward aġġornament dwar il-laqgħat tal-Kunsilli.

**461.20.2** Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li ġiet riċevuta talba għal filming fil-bajja ta' Għar Lapsi, fejn ser tkun qed tingħalaq l-aċċessibilta' għal ċertu ħinijiet. Is-Sindku propona li bħala rikompensa għall-inkonvenjent li ser jinħoloq, il-Kunsill jista jitlob donazzjoni li tintuża f'uplifting tal-post stess. Wara diskussjoni, il-Kunsill unanimament qabel li jibgħat in-no objection bil-kundizzjoni li ssir donazzjoni ta' €5000, u ovvjament li jkun hemm il-permessi kollha mill-awtoritajiet konċernati, uffiċjali u sigurta'.

**461.20.1** **Skema għal awtomatizzazzjoni ta' lattrini taħt ir-Reġjun Punent**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat BOQ u pjanti mill-Perit tal-Kunsill tax-xogħolijiet li hemm bżonn fil-lattrina tal-Girgenti. Hija rreferiet għal skema ta' fondi mir-Reġjun Punent għal-awtormatiżżazzjoni ta' lattrini pubbliċi u spejgat li wara tentattiv għal xogħolijiet fil-lattrina ta' Lapsi u anka fil-lattrina tal-Pjazza li din ma setgħetx tiġi ċċertifikata minħabba nuqqas ta' aċċessibilta', ix-xogħol meħtieġ taħt din l-iskema qed jiġi propost għal-lattrina tal-Ġirgenti. Hija qalet li d-dokumenti ser jgħaddu għand ir-reġjun biex jiġu approvati. Minħabba restrizzjoni fiż-żmien, ser isir tentattiv biex l-implimentazjoni ssir minn entita tal-Gvern (id-Dipartiment tal-Cleansing jew tax-Xogżolijiet) minħabba li ma fadalx il-żmien neċessarju biex jinħareġ tender. Is-Sindku propona li ssir din il-proposta lir-Reġjun. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**461.21** **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

**461.22** **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**461.23** **Approvazzjoni tal-Quarterly Report April-Ġunju 2024 (Q2)**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tar-rapport finanjzarju li jkopri t-tieni kwart tas-sena u tat spjegazzjoni. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-rapport kif preżentat. Il-Kunsill unanimament approva.

**461.24** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**461.24.1** Il-Kunsillier Albert Pace qal li l-problema tad-dwal ta' Għar Lapsi, kemm tal-lattrina u anka tal-park issa ssolviet.

**461.24.2** Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li hemm bżonn jiżdied id-dawl fi Triq Angelo Dorini u Triq Salvu Corso. Hija qalet ukoll li hemm arblu tad-dawl immejjel u perikoluż li diġa ilu rrapurtat lill-Enemalta.

**461.24.3** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal jekk hux possibbli jiżdied id-dawl fit-Triq ta' Għar Lapsi lejn il-barriera fejn joqodu diversi residenti.

**461.24.4** Il-Kunsillier Christoper Farrugia staqsa jekk tneħħewx il-picnic benches li kien hemm fin-niżla ta' Wied Ħesri. Is-Sindku qal li dawn ġew irrapurati nieqsa u hemm diversi talbiet biex jerġgħu isiru.

**461.24.5** Il-Kunsillier Albert Pace talab biex isiru double yellow lines fil-kantuniera ta' Triq is-6 ta' Diċembru ż-żewġ naħat biex ma jsirx parkeġġ għax qed ikun hemm periklu. Il-Kunsillier Pace talab ukoll biex issir reviżjoni tal-linji fi Triq Lapsi (faċċata ta' Triq Annabelle Vassallo).

**461.24.6** Il-Viċi Sindku staqsa jekk hemmx xi kwistjoni fuq il-pixxina tal-iskola u għaliex din m'għadiex tintuża. Is-Sindku spjega li l-pixxina taqa' taħt ir-responsabilta' tal-iskola u mhux tal-Kunsill, għalkemm għal diversi snin il-Kunsill ikkontribwixxa għal €1000 fis-sena għal manutenzjoni. Jidher li għal-diversi snin il-manutenzjoni naqset milli ssir, u issa hemm ħsarat irreparabbli.

**461.24.7** Il-Kunsilliera Francine Farrugia talbet li tissejjaħ laqgħa mall-Pulizija fuq rapporti bażiċi. Is-Sindku qal li diġa saret talba għal-laqgħa li ġiet imħassra minn naħa tas-Supretendent u għadna qed nistennew data.

**461.25** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

Il-laqgħa intemmet fid-9.20 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 30 ta' Settembru 2024 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 2 ta' Settembru 2024

| | |
|---|---|
| Julian Borg<br>Sindku | Ritienne Giorgino<br>Segretarju Eżekuttiv |